



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0246/2011

23.6.2011

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-fosfati u komposti ta' fosfru oħra fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ (COM(2010)0597 – C7-0356/2010 – 2010/0298(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Bill Newton Dunn

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	25
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	27
PROĊEDURA.....	44

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-fosfati u komposti ta' fosfru oħra fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ
(COM(2010)0597 – C7-0356/2010 – 2010/0298(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0597),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0356/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Marzu 2011¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Novembru 2010²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0246/2011),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C ... /Għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

² ĠU C ..., ..., p.

Emenda 1

Proposta għal regolament – att li jemenda Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-fosfati u komposti ta' fosfru oħra fid-deterġenti domestiċi ***tal-ħasil tal-ħwejjeġ***

Emenda

Proposta għal regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-fosfati u komposti ta' fosfru oħra fid-deterġenti domestiċi

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 648/2004, il-Kummissjoni evalwat l-użu tal-fosfati fid-deterġenti fir-Rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jikkonċerna l-użu tal-fosfati⁶. Wara aktar analiżi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-użu tal-fosfati fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għandu jkun limitat sabiex titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-fosfati tad-deterġenti lir-riskji tal-ewtrofikazzjoni u jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tneħħija tal-fosfati fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi. Dan l-iffrankar tal-ispejjeż huwa ferm akbar mill-ispiża tar-riformulazzjoni tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ bl-alternattivi għall-fosfati.

Emenda

(1) Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 648/2004, il-Kummissjoni evalwat l-użu tal-fosfati fid-deterġenti fir-Rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jikkonċerna l-użu tal-fosfati⁶. Wara aktar analiżi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-użu tal-fosfati fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għandu jkun limitat sabiex titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-fosfati tad-deterġenti lir-riskji tal-ewtrofikazzjoni u jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tneħħija tal-fosfati fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi. Dan l-iffrankar tal-ispejjeż huwa ferm akbar mill-ispiża tar-riformulazzjoni tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ bl-alternattivi għall-fosfati. ***Madankollu, huwa kruċjali li tiġi implimentata l-adozzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir relatat għall-irkupru tal-fosfru sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-iskarsezza ta' dak l-element.***

Emenda 3

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 2**

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Alternattivi effiċjenti għad-deterġenti domestiċi **tal-ħasil tal-ħwejjeġ ibbażati** fuq il-fosfati għandhom bżonn ta' komposti oħra tal-fosfru, jiġifieri fosfonati **li jekk** jintużaw fi kwantitajiet akbar **jistgħu jkunu** ta' tħassib għall-ambjent.

Emenda

(2) Alternattivi effiċjenti għad-deterġenti domestiċi **bbażati** fuq il-fosfati **attwalment** għandhom bżonn ta' komposti oħra tal-fosfru, jiġifieri fosfonati, **jew koaġġuvanti oħra bħall-polikarbossilati. Dawk is-sustanzi mhumiex faċilment bijodegradabbli. Fl-opinjoni tiegħu tad-29 ta' Mejju 2007 intitolata "Ingredjenti Organiċi Mhux Tensjoattivi u Deterġenti Abbażi taż-Żeolit", il-Kumitat Xjentifiku tar-Riskji Ambjentali u għas-Saħħa sab li l-informazzjoni disponibbli mhijiex biżżejjed biex jiġi eskluż riskju potenzjali minħabba dawk is-sustanzi u rrakkomanda li tingħata aktar informazzjoni biex issir valutazzjoni tar-riskji aktra kompleta u bir-reqqa. Jekk dawk is-sustanzi jintużaw fi kwantitajiet akbar b'riżultat tal-limitazzjoni fuq l-użu tal-fosfati, dan jista' jkun ta' tħassib għall-ambjent.**

Ġustifikazzjoni

L-użu ta' koaġġuvanti oħra attwalment japplika mhux biss għad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ, iżda anke għad-deterġenti domestiċi tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti. Huwa importanti li wieħed jirreferi għar-riżultati tal-kumitat xjentifiku rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea li juru li jista' jkun hemm problemi ambjentali b'dawn il-koaġġuvanti, kif ukoll għar-rakkomandazzjoni sussegwenti tiegħu li għandha tingħata informazzjoni addizzjonali.

Emenda 4

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 4**

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Ġaladarba li l-għanijiet tal-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri li titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-fosfati tad-deterġenti lir-riskji tal-ewtrofikazzjoni **u** li tnaqqas l-

Emenda

(4) Ġaladarba l-għanijiet tal-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri li titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-fosfati tad-deterġenti lir-riskji tal-ewtrofikazzjoni, li tnaqqas l-

ispejjeż tat-tneħħija tal-fosfati fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi, ma setgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri peress li l-miżuri nazzjonali bi speċifikazzjonijiet tekniċi differenti ma jistgħux jinfluwenzaw il-kwalità tal-ilma li jaqşam il-fruntieri nazzjonali, u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' taddotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5 tat-Trattat *tal-Unjoni* Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex *jinkiseb* dak l-għan.

ispejjeż tat-tneħħija tal-fosfati fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi u ***li jiġi żgurat il-funzjonament bla tfixkil tas-suq intern tad-deterġenti domestiċi***, ma setgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri peress li l-miżuri nazzjonali bi speċifikazzjonijiet tekniċi differenti ma jistgħux jinfluwenzaw il-kwalità tal-ilma li jaqşam il-fruntieri nazzjonali, u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' taddotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5 tat-Trattat *dwar l-Unjoni* Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex *jintlaħaq* dak l-għan.

Ġustifikazzjoni

Fl-assenza ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-UE tal-kontenut ta' fosfati u komposti oħra ta' fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ, l-Istati Membri adottaw diversi approċċi li konsegwentement wasslu għal suq intern tassew ifframmentat għal dawn id-deterġenti fir-rigward tal-kontenut tal-fosfati. Sabiex tittejjeb il-libertà tal-moviment tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ fis-suq intern jeħtieġ li jiġu armonizzati r-regolamenti nazzjonali diverġenti.

Emenda 5

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) ***Mhux sewwa*** li jkunu estiżi l-limitazzjonijiet tal-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għad-deterġenti domestiċi tal-magni tal-ħasil tal-platti ***jew*** għad-deterġenti industrijali u *istuzzjonali* minħabba li alternattivi teknikament u ekonomikament vijabbli għall-użu tal-fosfati f'dawk id-deterġenti mhumiex disponibbli.

Emenda

(5) ***Deterġenti domestiċi effiċjenti tal-magni tal-ħasil tal-platti b'konċentrazzjoni limitata ta' fosfru huma attwalment disponibbli fis-suq. Għalhekk ikun xieraq*** li jkunu estiżi l-limitazzjonijiet tal-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għad-deterġenti domestiċi tal-magni tal-ħasil tal-platti. ***Madankollu, ma jkunx xieraq li dawn il-limitazzjonijiet jiġu estiżi*** għad-deterġenti industrijali u *istituzzjonali* minħabba li alternattivi

teknikament u ekonomikament vijabbli għall-użu tal-fosfati f'dawk id-deterġenti mhumiex disponibbli.

Ġustifikazzjoni

Ikun xieraq li l-użu tal-fosfati u ta' komposti oħra tal-fosfru jiġi limitat ukoll fid-deterġenti domestiċi tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti.

Emenda 6

Proposta għal regolament – att li jemenda

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-Kummissjoni għandha tingħata l-poter li *taddotta* atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-iskop biex ikunu emendati l-Annessi **ta' dan ir-Regolament**.

Emenda

(7) Il-Kummissjoni għandha tingħata l-poter li *tadotta* atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-iskop biex ikunu emendati l-Annessi **tar-Regolament (KE) Nru 648/2004. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejija tagħha, anke fil-livell tal-esperti.**

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li jiġi żgurat li l-Kummissjoni tagħmel dawn il-konsultazzjonijiet. (Kliem meħud mill-Ftehim Komuni dwar l-Arranġamenti Prattiċi għall-Użu tal-Atti Delegati).

Emenda 7

Proposta għal regolament – att li jemenda

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Hu xieraq li jkun hemm *provvediment* għad-differiment tal-applikazzjoni **tar-restrizzjoni stabbilita** f'dan ir-Regolament sabiex jippermetti, b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li jifformulaw mill-ġdid id-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ ibbażati fuq

Emenda

(9) Hu xieraq li jkun hemm *provvediment* għad-differiment tal-applikazzjoni **tar-restrizzjonijiet stabbiliti** f'dan ir-Regolament sabiex jippermetti, b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li jifformulaw mill-ġdid id-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ

il-fosfat billi jużaw alternattivi matul iċ-ċiklu ta' riformulazzjoni normali sabiex ikunu minimizzati l-ispejjeż.

ibbażati fuq il-fosfat *u d-deterġenti domestiċi tal-magni tal-ħasil tal-platti* billi jużaw alternattivi matul iċ-ċiklu ta' riformulazzjoni normali sabiex ikunu minimizzati l-ispejjeż.

Emenda 8

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 9 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Madankollu l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkonformaw mad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma¹ billi jimplimentaw sistemi tat-trattament tal-ilma adegwati u xierqa u, speċifikament, billi jgħammru l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi bi stadju ta' trattament terzjarju skont id-Direttiva 91/271/KEE tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi². Dan huwa vitali biex tiġi żgurata l-kwalità tajba tal-ilmijiet Ewropej u, speċifikament, biex jitnaqqas ir-rimi ta' fosfati minn punt wieħed.

¹ ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

² ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.

Emenda 9

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 9 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku HELCOM adottat fil-15 ta' Novembru 2007 u fil-

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2009 dwar Strteġija tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Baħar Baltiku jingħad li, biex titnaqqas l-ewtrofikazzjoni tal-Baltiku, li laħqet livell perikoluż, il-kontenut ta' fosfati f'deterġenti domestiċi għandu jiġi sostitwit b'sustanzi oħra u li jeħtieġ li jitrażżan il-fluss tan-nutrijenti (b'mod speċjali l-fosfati) fil-baħar, filwaqt li miżuri ta' dan it-tip jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex titreġġa' lura l-ewtrofikazzjoni ta' ibħra oħra.

Emenda 10

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 9 c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9c) Ġaladarba l-fosfati li jinsabu f'deterġenti għall-użu domestiku jirrappreżentaw biss parti żgħira mill-kwantità tal-fosfati responsabbli għall-ewtrofikazzjoni tal-ibħra, għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar jeħtieġ li l-fosfati li jidħlu fil-baħar minn sorsi oħrajn jitnaqqsu aktar.

Emenda 11

**Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (KE) Nru 648/2004
Premessa 20**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(-1) Il-Premessa 20 tinbidel b'li ġej:
"Sabiex ikunu żgurati l-istess kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat*

għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹."

¹ *ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*

Ġustifikazzjoni

Adattament tal-att bażiku għall-proċeduri l-ġodda rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tas-16 ta' Frar 2011.

Emenda 12

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 2 – punti 3 u 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) L-Artikolu 2, **il-punt 3 jinbidel b'dan li** ġej:

(2) L-Artikolu 2 **jiġi emendat kif** ġej:

“3. 'Ħasil' tfisser il-proċess li bih titneħħa l-ħamrija-trab mis-substrat u tinġieb fi stat ta' taħlil jew tifrix.”

(a) il-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

“3. 'Ħasil' tfisser il-proċess li bih titneħħa l-ħamrija-trab mis-substrat u tinġieb fi stat ta' taħlil jew tifrix.”

(b) il-punt 9 jinbidel b'dan li ġej:

“9. ‘Tqegħid fis-suq’ tfisser **li ttipprova lil jew li tqiegħed għad-dispożizzjoni ta', parti terza, kemm jekk bi ħlas u kemm jekk b'xejn. Importazzjoni għandha tiġi meqjusa bħala tqegħid fis-suq.**”

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-użu armonizzat tat-termini, ikun xieraq li t-tifsira ta' "tqegħid fis-suq" tiġi allinjata mat-tifsiriet rispettivi li hemm fir-Regolament (KE)

Nru 1907/2006 (REACH) u r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP), minħabba li l-għan ewlieni tat-tliet Regolamenti kollha huma sustanzi u taħlitiet.

Emenda 13

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 4 a – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-deterġenti li jinsabu elenkati fl-Anness VIa li jidħlu fis-suq qabel id-data stabbilita fl-Anness jistgħu jibqgħu disponibbli fis-suq sa ... mingħajr ma jkollhom għalfejn jikkonformaw mal-limitazzjonijiet tal-kontenut ta' fosfati u komposti oħra ta' fosfru stabbiliti f'dan l-Anness.*

**Nota lill-ĠU - hawn għandha tiddaħħal id-data: sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tranżitorja se tiżgura li d-deterġenti li jkunu disponibbli fis-suq f'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali jkunu jistgħu jkomplu jkunu disponibbli fis-suq għal sentejn oħra wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament. B'din id-dispożizzjoni, ir-rekwiżiti l-ġodda dwar il-kontenut ta' fosfati u komposti oħra ta' fosfru stabbiliti f'dan ir-Regolament ma għandhomx jirriżultaw f'piż fir-rigward tad-deterġenti li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Emenda 14

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fuq il-bażi ta', b'mod partikolari, l-evalwazzjoni mwettqa mill-Istat

Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti deroga skont il-proċedura msemija f'Artikolu 12(2). Jekk meħtieġ, qabel tagħti din id-deroga, il-Kummissjoni għandha tkompli tevalwa l-kwistjonijiet indikati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Għandha tieħu deċizzjoni fi żmien 12-il xahar wara li tkun irċeviet l-evalwazzjoni mill-Istat Membru, ħlief fil-każ tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 meta l-perjodu għandu jkun ta' 18-il xahar."

Ġustifikazzjoni

Adattament tal-att bażiku għall-proċeduri l-ġodda rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tas-16 ta' Frar 2011.

Emenda 15

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3 b (ġdid)

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Jekk il-Kummissjoni tiċħad it-talba għal deroga, dan għandha tagħmlu fi żmien 12-il xahar wara li tkun irċeviet mill-Istat Membru l-evalwazzjoni msemija f'Artikolu 5(3), ħlief fil-każ tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 meta l-perjodu għandu jkun ta' 18-il xahar. Tista' tistabbilixxi perjodu transitorju li matulu t-tqegħid fis-suq u l-użu tas-surfactant inkwistjoni għandu jspiċċa bil-mod il-mod. Dan il-perjodu transitorju m'għandux ikun aktar minn sentejn mid-data tad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni."

Ġustifikazzjoni

Adattament tal-att bażiku għall-proċeduri l-ġodda rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni

Emenda 16

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3 c (ġdid)

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(3c) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2
jinbidel b'dan li ġej:***

"2. F'dawk il-każi li dwarhom ikun hemm tħassib li xi test imwettaq skont il-metodi elenkati fl-Annessi II, III, IV jew VIII jkun irriżulta f'riżultati positivi foloz, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni għandha tivverifika dawk ir-riżultati u tieħu l-passi meħtieġa permezz ta' atti ddelegati, skont l-Artikolu 13a."

Ġustifikazzjoni

Adattament tal-att bażiku għall-proċeduri l-ġodda rigward l-atti ddelegati.

Emenda 17

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3 d (ġdid)

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(3a) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4
jinbidel b'dan li ġej:***

"4. Barra dan, il-pakketti tad-deterġenti mibjugħa lill-pubbliku ġenerali maħsuba għall-użu bħala deterġenti għall-ħasil għandu jkollhom l-

Emenda 18

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3 e (ġdid)

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 11 – paragrafu 6 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(3b) Fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-
paragrafu li ġej:**

**"6a. Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-
kompetittività ambjentali, il-manifatturi
m'għandhomx jagħmlu dikjarazzjonijiet
ambjentali dwar attributi li sempliċement
jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-
Unjoni."**

Ġustifikazzjoni

Manifatturi għandhom jinżammu milli jikkonfondu lill-konsumaturi b'attributi tal-prodott li huma sempliċement meħtieġa bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Pereżempju, ma għandha titħalla l-ebda dikjarazzjoni dwar il-fatt li m'hemmx kontenut ta' fosfat għal kategoriji ta' prodotti li għalihom diġà hija fis-seħħ il-projbizzjoni tal-fosfati.

Emenda 19

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) L-Artikolu 12(3) huwa mħassar.

(4) L-Artikolu 12 jinbidel b'dan li ġej:

**"Artikolu 12
Proċedura ta' kumitat**

**1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita
minn kumitat. Dak il-kumitat għandu
jkun kumitat fis-sens tar-Regolament
(UE) Nru 182/2011.**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."

Ġustifikazzjoni

Adattament tal-att bażiku għall-proċeduri l-ġodda rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tas-16 ta' Frar 2011.

Emenda 20

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 5

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni *tista' taddotta*, permezz ta' *att* skont *l-Artikoli 13a, 13b u 13c*, emendi neċessarji biex ikunu adattati l-Annessi mal-progress xjentifiku u tekniku. Fejn hu possibbli, il-Kummissjoni għandha tuża standards Ewropej.

2. Il-Kummissjoni *tista' taddotta*, permezz ta' *att iddelagat* skont *l-Artikoli 13a, 13b u 13c*, emendi fl-Annessi ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' deterġenti ibbażati fuq is-solventi.

3. Fejn il-limiti individwali ta' konċentrazzjoni bbażati fuq ir-riskju għall-allerġeni ta' fwieħa huma stabbiliti mill-Kumitat Xjentifiku dwar Kosmetiċi u Prodotti Mhux tal-Ikel (SCCNFP), il-Kummissjoni għandha, skont *l-Artikoli 13a, 13b u 13c*, tadatta l-limitu ta' 0,01 % iffissat fit-Taqsima A tal-Anness VII kif inhu xieraq.

Emenda

1. Il-Kummissjoni *għandha tingħata s-setgħa li tadotta*, permezz ta' *atti ddelegati* skont *l-Artikolu 13a*, emendi neċessarji biex ikunu adattati l-Annessi mal-progress xjentifiku u tekniku. Fejn hu possibbli, il-Kummissjoni għandha tuża standards Ewropej.

2. Il-Kummissjoni *għandha tingħata s-setgħa li tadotta*, permezz ta' *atti ddelegati* skont *l-Artikolu 13a*, emendi *meh̄tieġa* fl-Annessi ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' deterġenti bbażati fuq is-solventi.

3. Fejn il-limiti individwali ta' konċentrazzjoni bbażati fuq ir-riskju għall-allerġeni ta' fwieħa huma stabbiliti mill-Kumitat Xjentifiku dwar Kosmetiċi u Prodotti Mhux tal-Ikel (SCCNFP), il-Kummissjoni għandha, skont *l-Artikolu 13a, tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati biex* tadatta l-limitu ta' 0,01 % iffissat fit-Taqsima A tal-Anness VII kif inhu xieraq.

Emenda 21

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Jiddaħħlu l-Artikoli 13a, 13b u 13c li ġejjin :

"L-Artikolu 13a

L-eżerċizzju tad-delega

1. ***Il-poteri li jaddottaw*** l-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 13 ***għandhom jingħataw*** lill-Kummissjoni ***għal perjodu ta' żmien mhux determinat.***

2. Hekk kif *taddotta* att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. ***Il-poteri li jaddottaw l-atti ddelegati jingħataw lill-Kummissjoni suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 13b u 13c.***

Emenda

(6) Jiddaħħal l-Artikolu li ġejj:

"L-Artikolu 13a

L-eżerċizzju tad-delega

1. ***Is-setgħa li tadotta*** l-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 13 ***tingħata*** lill-Kummissjoni ***skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.***

1a. Is-setgħa li tadotta l-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 13 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien mhux determinat minn ...*.

1b. Is-setgħa li tadotta l-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 13 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ il-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

2. Hekk kif *tadotta* att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. ***Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew minnaħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn minnotifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma kenux sejrin joġġezzjonaw. Dan il-perjodu***

għandu jestendi b'xahrejn oħra fuq l-inizjattiva tal-Parlament jew tal-Kunsill.

** ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.'*

L-Artikolu 13b

Ir-revoka tad-delegazzjoni

1. Id-delegazzjoni tal-poter imsemmija fl-Artikolu 13 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax jew le d-delegazzjoni tal-poter għandha tagħmel ħilitha li tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġjonevoli qabel ma tittieħed deċiżjoni finali filwaqt li tindika l-poteri ddelegati li jistgħu jkunu suġġetti għar-revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fit-tmiem id-delegazzjoni tal-poteri speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew mhux aktar tard mid-data speċifikata hemmhekk. Din m'għandhiex tieħu l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ. Din għandha tkun ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 13c

Oġġezzjonijiet għal atti ddelegati

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att iddelegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jkun estiż b'xahar.

2. Jekk, hekk kif jiskadi l-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma joġġezzjonaw għall-att iddelegat, dan għandu jkun ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ fid-data espressa hemmhekk. L-att

*iddelegat jista' jkun ippubblikat f'Il-
Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u
jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak
il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-
Kunsill, it-tnejn, ikunu infurmaw lill-
Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma
jressqux oġġezzjonijiet.*

*3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-
Kunsill joġġezzjona għal att iddelegat,
dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-
istituzzjoni li toġġezzjona għandha
tesprimi r-raġunijiet għall-oġġezzjoni
għall-att iddelegat."*

Emenda 22

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 8
Regolament (KE) Nru 648/2004
Artikolu 16 – paragrafu -1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Sa Diċembru 2013, il-Kummissjoni
għandha tevalwa, tissottometti rapport lill-
Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-
użu tal-fosfonati u l-polikarbossilati fid-
deterġenti u, jekk iġġustifikat, tippreżenta
proposta leġiżlattiva bil-ħsieb li jkunu
eliminati bil-mod il-mod jew li jkunu
limitati għal applikazzjonijiet speċifiċi.*

Ġustifikazzjoni

*Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat xjentifiku tal-Kummissjoni Ewropea, tinħtieġ
valutazzjoni addizzjonali għall-fosfonati u l-polikarbossilati, billi ma jistax jiġi eskluż li huma
ta' riskju għall-ambjent. Għalhekk l-użu tagħhom għandu jiġi rieżaminat mill-Kummissjoni.*

Emenda 23

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 8
Regolament (KE) Nru 648/2004
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni

Sal-31 ta' Diċembru **2014**, il-Kummissjoni għandha tevalwa, tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti **domestiċi tal-magni tal-ħasil tal-platti** u, jekk iġġustifikat, tippreżenta proposta leġislattiva bil-ħsieb li jkunu eliminati bil-mod il-mod jew li jkunu limitati għal applikazzjonijiet speċifiċi."

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru **2016**, il-Kummissjoni għandha tevalwa, tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti **industrijali u istituzzjonali** u, jekk iġġustifikat, tippreżenta proposta leġislattiva bil-ħsieb li jkunu eliminati bil-mod il-mod jew li jkunu limitati għal applikazzjonijiet speċifiċi."

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li jiġi eżaminat l-użu tal-fosfati u ta' komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti industrijali u istituzzjonali biex ikun żgurat approċċ koerenti.

Emenda 24

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 8

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 16 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tevalwa, tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u, jekk dan ikun iġġustifikat, tippreżenta proposta li ttipprevedi limitu ta' 0.2% ta' komposti tal-fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ u fid-deterġenti domestiċi tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti.

Emenda

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni, jekk dan ikun iġġustifikat, għandha ttipproponi limitu ta' 0.2% għall-komposti tal-fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ u fid-deterġenti domestiċi tal-magni tal-ħasil tal-platti sabiex ikun żgurat livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem. Ladarba l-Isvezja diġà għandha dan il-limitu, għandu jkun possibbli għall-UE wkoll.

Emenda 25

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 8

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 16 – paragrafu 1 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha wkoll tevalwa u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-prospettivi tekniċi, ekonomiċi u rigward l-iżvilupp sostenibbli għall-irkupru u r-riċiklaġġ tal-fosfati mid-drenaġġ domestiku, id-demel tal-annimali u l-iskart industrijali, filwaqt li jiġiqiesu l-ġestjoni tar-riżorsi u l-aspetti ġeopolitiċi tar-riżervi tal-fosforit u filwaqt li jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet għall-użu u r-riċiklaġġ possibbli tal-fosfati fid-deterġenti.

Ġustifikazzjoni

Il-fosfati huma riżorsa li ma tiġġeddidx, li ma tistax tiġi sostitwita biex tintema' l-popolazzjoni tad-dinja, kif ukoll f'applikazzjonijiet mediċi u industrijali. L-UE hija essenzjalment dipendenti mill-importazzjonijiet, billi r-riżervi huma konċentrati fiċ-Ċina u l-Punent tas-Saħara. Min-naħa l-oħra, l-implimentazzjoni tad-direttivi tal-UE dwar il-ħarsien tal-ilma se jwasslu biex jiżdedu l-istallazzjonijiet għat-tneħħija tal-fosfati. Dan jipprovdni opportunità kbira biex jiġu żviluppanti l-irkupru u r-riċiklaġġ tal-fosfru, filwaqt li fluss ta' skart jinbidel f'riżorsa potenzjali, mhux importata.

Emenda 26

Proposta għal regolament – att li jemenda

Anness

Regolament (KE) Nru 648/2004

Anness VIa

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>		
IL-LIMITAZZJONIJIET TAL-KONTENUT TAL-FOSFATI U KOMPOSTI OĦRA TAL-FOSFRU		
Deterġent	Limitazzjonijiet	Data li fiha l-limitazzjoni tibda

		tgħodd
Deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ	M'għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk il-kontenut totali tal-foffru huwa ugwali għal jew akbar minn 0,5 % bl-użin.	l-1 ta' Jannar 2013
<i>Emenda</i>		
IL-LIMITAZZJONIJIET TAL-KONTENUT TAL-FOSFATI U KOMPOSTI OĦRA TAL-FOSFRU		
Deterġent	Limitazzjonijiet	Data li fiha l-limitazzjoni tibda tgħodd
Deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ	M'għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk il-kontenut totali tal-foffru huwa ugwali għal jew akbar minn 0.5 g għal kull ħasla waħda standard b'magna tal-ħasil kif definit fit-Taqsima B tal-Anness VII.	l-1 ta' Jannar 2013
<i>Deterġenti domestiċi tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti</i>	<i>M'għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk il-kontenut totali tal-foffru huwa ugwali għal jew akbar minn 0.5 g skont id-dożaġġ standard. Id-dożaġġ standard huwa d-dożaġġ rakkomandat fi g jew f'ml għal reċipjenti ta' fuq il-mejda mhux maħmuġin iżżejjed u irrispettivament mill-ebusija tal-ilma, f'magna tal-ħasil tal-platti ta' 12-il pużata mimlija għalkollox. Dan id-dożaġġ jeskludi kull rakkomandazzjoni ta' dożaġġ jew prodott miżjud għall-pretrattament. Jeskludi wkoll aġenti tat-tlaħliħ użati fit-tlaħliħ finali tal-programm.</i>	<i>l-1 ta' Jannar 2015</i>

Ġustifikazzjoni

Xi ingredjenti abbażi tal-foffru jintużaw f'livelli baxxi fi prodotti bla fosfati bħall-fofsonati. Minħabba effett ta' konċentrazzjoni fi prodotti kumpatti, il-limitu ta' 0.5% ta' fosfru jista' jinqabeż. Għalhekk, il-fatt li r-restrizzjoni titniżżel bħala massimu ta' 0.5 grammi ta' fosfru għal kull ħasla standard jimpedixxi aktar tirsis, li huwa element ewlieni ta' sostenibbiltà. Ikun xieraq ukoll li jiġi limitat l-użu tal-fofpati u ta' komposti oħra tal-foffru fid-deterġenti domestiċi tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti, u kif ukoll li din il-limitazzjoni tiġi espressa fi grammi għall-istess raġunijiet imsemmija hawn fuq.

Emenda 27

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 11 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 648/2004

Anness VII – Taqsima B a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Fl-Anness VII, tiddaħħal it-taqsima li ġejja:

"Ba. Informazzjoni dwar l-użu sostenibbli

Bla ħsara għad-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (verżjoni kodifikata)¹, it-tikketti tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ:

–għandu jkun fihom informazzjoni rilevanti, permezz ta' logo u/jew test, dwar it-tħeġġiġ tal-użu sostenibbli tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ, bħal rakkomandazzjonijiet biex il-magni tal-ħasil ma jintużawx jekk ma jkunux mimlijin għalkollox, biex wieħed jagħti kas l-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ, biex il-ħasil isir b'temperatura baxxa u biex l-imballaġġ jerġa' jimtela jew jiġi rriċiklat, u

–għandu jkun fihom referenzi għal sorsi eżistenti, bħal websajts fl-internet, b'iktar informazzjoni għall-konsumaturi, sabiex ikun jista' jkollhom aċċess għal rakkomandazzjonijiet, suġġerimenti u pariri utli li jħeġġu l-użu sostenibbli tagħhom.

¹ ĠU L 376, 27. 12.2006, p. 21."

NOTA SPJEGATTIVA

L-għan tal-proposta għal regolament attwali tal-Kummissjoni huwa li jitnaqqas l-ammont ta' fosfru użat fid-deterġenti fil-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi. Il-Kummissjoni għażlet regolament minflok direttiva sabiex jiġu armonizzati aħjar ir-regoli differenti fil-livelli nazzjonali.

Il-fosfati jispiċċaw fis-sistemi tal-ilma, ix-xmajjar, ix-xmajriet u l-lagi tagħhna, u partikolarment fil-Baċin tan-Danubju u fil-Baħar Baltiku. Il-fosfru jgħin il-ħajja tiffjorixxi. Bħala riżultat l-algi u pjanti oħra li jiżvilupaw malajr jipprolifera fejn ikun hemm sors akbar ta' fosfru fl-ilma. Dan iwassal għall-ewtrofikazzjoni – it-tkabbir eċċessiv ta' algi li ma jħallux biżżejjed ossiġenu għal organiżmi ħajjin oħra u li jistgħu jipproduċu wkoll it-tossini – li toqtol il-ħut, il-pjanti u lil speċijiet oħra, filwaqt li tnaqqas il-kwalità tal-ilma stess.

Għalhekk, biex jitnaddaf l-ilma tal-Ewropa, jeħtieġ li jitnaqqas l-ammont ta' fosfru li jispiċċa fl-ilma mhux biss tal-kontinent tagħna, iżda tad-dinja kollha.

L-akbar użu ta' fosfati fl-UE huwa fil-fertilizzanti, iżda l-biċċa l-kbira tagħhom jibqgħu fil-ħamrija. Il-fosfru jispiċċa fl-ilma primarjament permezz tal-bnedmin u mammiferi oħra: is-sors ewlieni huwa fil-forma ta' feċi u urina li ovvjament ma jaqgħux fl-ambitu ta' din il-proposta.

Madankollu, il-fosfru mid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ huwa kontributor sinifikanti, u wieħed li jidħol fl-ilma direttament. Għalhekk il-proposta tal-Kummissjoni tintlaqa' b'sodisfazzjon kbir.

Barra minn hekk, jeżisti sors domestiku ieħor ta' fosfati – li jiġu mid-deterġenti tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti (deterġenti ADW).

Il-fosfati jintużaw fid-deterġenti kontra l-għebusija tal-ilma biex jippermettu ħasil effiċjenti, u jwettqu wkoll funzjonijiet oħra biex itejbu r-riżultat tal-ħasil.

Diffikultà waħda hija li l-għebusija tal-ilma tvarja enormement fl-UE kollha. Fl-Iskandinavja l-ilma ġeneralment huwa artab, għalhekk il-formulazzjonijiet tad-deterġenti jkun fihom anqas fosfati u jaħdmu tajjeb. F'partijiet oħra tal-UE, bħan-Nofsinhar tal-Ewropa, l-ilma huwa iktar iebes u dan ifisser li jinħtieġu aktar fosfati fid-deterġenti sabiex il-ħwejjeġ u l-platti jinħaslu sew.

Alternattivi għall-fosfati fid-deterġenti jeżistu u, b'mod partikolari għad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ, it-tendenza hija favur formulazzjonijiet bla fosfati. Tabilħaqq, deterġenti likwidi tal-ħasil tal-ħwejjeġ bla fosfati diġà għandhom sehem kbir u dejjem jiżdied fis-suq fl-UE. Għalkemm id-deterġenti ADW għandhom primarjament ibbażati fuq il-fosfati, hemm prodotti u teknoloġiji bla fosfati disponibbli. Madankollu, formulazzjonijiet ta' deterġenti alternattivi jeħtieġu l-fosfonati (li fihom il-fosfru wkoll, iżda f'ammonti ħafna iżgħar) għal ħasil effikaċi. Għalhekk, projbizzjoni kompleta fuq il-fosfru mhijiex possibbli.

Is-sitwazzjoni attwali tal-leġislazzjoni nazzjonali fl-UE kollha tirrifletti t-tendenza kontra l-użu tal-fosfati fid-deterġenti, u xi Stati Membri diġà implimentaw limitazzjonijiet għad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ filwaqt li wħud daħħlu wkoll limitazzjonijiet għad-deterġenti ADW. Din is-sitwazzjoni fframmentat is-suq intern għad-deterġenti, u ħolqot l-ispejjeż għal kumpaniji li joperaw f'diversi Stati Membri. Barra minn hekk, bla leġislazzjoni armonizzata tal-UE, l-UE qed tbatu biex tilħaq ftehim ma' pajjiżi terzi dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-fosfati fid-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ u tal-magni tal-ħasil tal-platti fil-qafas ta' inizjattivi reġjonali biex jitnaddaf l-ilma bħall-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku tal-Kummissjoni ta' Helsinki (HELCOM) u l-Istrateġija għar-Reġjun tad-Danubju.

Jidher li hemm aċċettazzjoni wiesgħa li l-ammont massimu ta' fosfru għal kull ħasla għandu jkun stabbilit għal 0.5g għal kull doża (skont ħasla waħda standard b'magna tal-ħasil) għad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Jekk dan il-limitu jiġi espress fi grammi għal kull ħasla, minflok f% skont il-piż, kif propost inizjalment mill-Kummissjoni, dan jippermetti lill-manifatturi tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ jipproduċu formulazzjonijiet aktar kompatti u konċentrati, li ma jkunx fihom ammont ta' fosfru akbar minn 0.5% skont il-piż ta' 'doża standard' attwali, iżda fejn il-fosfru (mill-fosfonati) jista' jammonta għal aktar minn 0.5% tal-piż totali.

Meta ltaqgħu r-Rapporteur tarl-Kumitat ENVI u x-Shadow Rapportuers, il-maġġoranza riedet li d-deterġenti ADW jiġu inklużi wkoll f'din il-proposta. Billi ma teżisti l-ebda ħasla waħda standard għall-ADW, il-limitu għandu jiġi stabbilit għal 0.5% P skont il-piż.

Billi tiġi stabbilita data sa meta l-fosfru fid-deterġenti domestiċi ADW u tal-ħasil tal-ħwejjeġ ikun limitat, nistgħu niżguraw l-akbar kontribut li nistgħu għat-tnaqqis tar-riskju tal-ewtrofikazzjoni fl-UE, u fl-inqas żmien possibbli. L-iffissar ta' data raġonevoli għal limitu tal-fosfru fid-deterġenti ADW jinċentivizza l-innovazzjoni meħtieġa biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn formulazzjonijiet bla fosfati, filwaqt li jitħalla żmien biżżejjed biex jitnaqqsu l-impatti negattivi fuq il-manifatturi. Dan jiżgura wkoll l-armonizzazzjoni fis-suq intern.

Ir-Rapporteur jirrakkomanda li jsir studju biex jiġu investigati l-fattibbiltà u l-impatti potenzjali ta' projbizzjoni fuq il-fosfati għad-Deterġenti Industrijali u Istituzzjonali, fejn is-sitwazzjoni hija ħafna aktar kumplessa.

Rigward l-inklużjoni tad-deterġenti ADW fir-regolament, il-Kumitat jixtieq iqis l-għażla bejn l-aċċellerazzjoni tal-kampanja kontra l-ewtrofikazzjoni u t-telf tal-impjiegi fl-SMEs li jipproduċu d-deterġenti ADW b'ammont kbir ta' fosfati u li għad m'għandhomx l-għarfien biex jibdedu jipproduċu deterġenti bla fosfati – għalkemm, sfortunatament jidher li ma teżisti l-ebda statistika dwar l-għadd ta' impjiegi li jistgħu jintilfu.

14.4.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-fosfati u komposti ta' fosfru oħra fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ (COM(2010)0597 – C7-0356/2010 – 2010/0298(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marc Tarabella

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Is-suq intern tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ attwalment jinsab maqsum minħabba l-kontenut ta' fosfati u komposti oħra ta' fosfru. Sabiex jikkontribwixxi għal funzjonament aħjar tas-suq intern tad-deterġenti hemm bżonn ta' approċċ armonizzat.

Fl-assenza ta' armonizzazzjoni tal-livelli ta' kontenut ta' fosfati u komposti oħra ta' fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ fil-livell tal-UE, l-Istati Membri għażlu fost id-diversi approċċi. Xi Stati Membri adottaw miżuri nazzjonali biex jillimitaw l-użu tal-fosfati fid-deterġenti. Stati Membri oħra għażlu l-azzjoni volontarja mill-industrija biex jitnaqqas l-użu ta' fosfati fid-deterġenti; madankollu huwa possibbli li xi produttori ma jħossuhomx marbuta bl-impenji volontarji. Barra minn dan, għaxar Stati Membri ma għandhom ebda restrizzjoni tal-livelli ta' fosfati fid-deterġenti. Tali varjetà ta' approċċi waslet għal suq intern tad-deterġenti maqsum ħafna, u b'riżultat ta' dan il-produtturi tad-deterġenti huma obbligati jikkonformaw ma' regoli nazzjonali differenti u dan jikkawża telf ta' ħin u spejjeż addizzjonali.

Barra minn dan fir-rigward tal-prodotti li mhumiex soġġetti għal leġislazzjoni ta' armonizzazzjoni, il-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku huwa applikabbli. Skont ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 dwar ir-rikonossiment reċiproku¹ l-Istati Membri huma meħtieġa jaċċettaw ukoll prodotti, u għalhekk deterġenti li għandhom livelli differenti ta' fosfati wkoll, li huma legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor sakemm ma jkunux

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru (ĠU L 218, 13.08.2008, p. 21).

jistgħu juru li hemm raġunijiet speċifiċi li jindikaw il-kuntrarju. Il-perjodu taż-żmien relattivament qasir sabiex l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jieħdu deċiżjoni dwar ir-rikonossiment reċiproku jimplika piż konsiderevoli, partikolarment meta jikkonċerna ħafna prodotti.

Għaldaqstant sabiex jittejjeb il-moviment ħieles tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ fis-suq intern huwa rrakkomandat li jiġu armonizzati r-regolamenti nazzjonali differenti rigward il-kontenut ta' fosfati u komposti oħra ta' fosfru f'dawn id-deterġenti. Dan jikkontribwixxi barra minn hekk għall-eliminazzjoni ta' spejjeż li jħallsu l-produtturi u l-amministrazzjonijiet nazzjonali minħabba l-frammentazzjoni attwali fis-suq intern u jiġi evitat il-piż relatat mar-rikonossiment reċiproku.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament – att li jemenda Recital 1

Text proposed by the Commission

Amendment

(1) Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 648/2004, il-Kummissjoni evalwat l-użu tal-fosfati fid-deterġenti fir-Rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jikkonċerna l-użu tal-fosfati. Wara aktar analiżi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-użu tal-fosfati fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għandu jkun **limitat** sabiex titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-fosfati tad-deterġenti lir-riskji tal-ewtrofikazzjoni u jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tneħħija tal-fosfati fl-impjanti tat-trattament tal-ilma morni. Dan l-iffrankar tal-ispejjeż huwa ferm akbar mill-ispiża tar-riformulazzjoni tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ bl-

(1) Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar id-deterġenti*¹, il-Kummissjoni evalwat l-użu tal-fosfati fid-deterġenti fir-Rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jikkonċerna l-użu tal-fosfati. Wara aktar analiżi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-użu tal-fosfati fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għandu jkun **ipprojbit** sabiex titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-fosfati tad-deterġenti lir-riskji tal-ewtrofikazzjoni u jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tneħħija tal-fosfati fl-impjanti tat-trattament tal-ilma morni. Dan l-iffrankar tal-ispejjeż huwa ferm akbar mill-

alternattivi għall-fosfati.

ispiża tar-riformulazzjoni tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ bl-alternattivi għall-fosfati. ***Barra minn dan, l-introduzzjoni ta' projbizzjoni ta' fosfati tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tas-suq intern tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ u għaldaqstant ittejjeb il-moviment ħieles ta' dawn id-deterġenti.***

¹ *ĠUL* 104, 8.4.2004, p. 1.

Ġustifikazzjoni

Fl-assenza ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-UE tal-kontenut ta' fosfati u komposti oħra ta' fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ, l-Istati Membri adottaw diversi approċċi li konsegwentement wasslu għal suq intern tassew ifframmentat għal dawn id-deterġenti fir-rigward tal-kontenut tal-fosfati. Sabiex tittejjeb il-libertà tal-moviment tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ fis-suq intern huwa meħtieġ li jiġu armonizzati r-regolamenti diverġenti nazzjonali.

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Alternattivi effiċjenti għad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ ibbażati fuq il-fosfati għandhom bżonn ta' komposti oħra tal-fosfru, jiġifieri fosfonati li ***jekk*** jintużaw fi kwantitajiet ***akbar jistgħu jkunu ta' tħassib għall-ambjent.***

Emenda

(2) Alternattivi effiċjenti għad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ ibbażati fuq il-fosfati għandhom bżonn ta' komposti oħra tal-fosfru, jiġifieri fosfonati, li ***għandhom funzjoni speċifika ħafna li hija differenti mill-fosfati u*** jintużaw fi kwantitajiet ***tant iżgħar li ma jikkontribwixxu bl-ebda mod għall-ewtrofikazzjoni.***

Emenda 3

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) ***L-interazzjoni bejn il-fosfati u komposti oħra tal-fosfru teħtieġ għażla***

Emenda

imħassar

għaqlija tal-ambitu u l-livell tal-limitazzjoni. Il-limitazzjoni għandha tapplika fuq l-komposti tal-fosfru kollha sabiex tipprekludi sostituzzjoni sempliċi tal-fosfati limitati b'komposti oħra tal-fosfru. Il-limitazzjoni tal-kontenut tal-fosfru għandu jkun baxx biżżejjed li effettivament tippreveni t-tqegħid fis-suq ta' formulazzjonijiet tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ ibbażati fuq il-fosfati, filwaqt li tkun għolja biżżejjed li tippermetti l-kwantità minima tal-fosfati meħtieġa għall-formulazzjonijiet alternattivi.

Emenda 4

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Għadarba li l-għanijiet tal-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri li titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-fosfati tad-deterġenti lir-riskji tal-ewtrofikazzjoni **u** li tnaqqas l-ispejjeż tat-tneħħija tal-fosfati fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi, ma *setgħux* jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri peress li l-miżuri nazzjonali bi speċifikazzjonijiet tekniċi differenti ma jistgħux jinfluwenzaw il-kwalità tal-ilma li jaqsam il-fruntieri nazzjonali, u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' taddotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif preskritt f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak il-għan.

Emenda

(4) Għadarba li l-għanijiet tal-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri li titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-fosfati tad-deterġenti lir-riskji tal-ewtrofikazzjoni, li tnaqqas l-ispejjeż tat-tneħħija tal-fosfati fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi **u biex ikun żgurat il-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ**, ma *jistgħux* jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri peress li l-miżuri nazzjonali bi speċifikazzjonijiet tekniċi differenti ma jistgħux jinfluwenzaw il-kwalità tal-ilma li jaqsam il-fruntieri nazzjonali, u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' taddotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif previst fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif preskritt f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak il-għan.

Ġustifikazzjoni

Fl-assenza ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-UE tal-kontenut ta' fosfati u komposti oħra ta' fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ, l-Istati Membri adottaw diversi approċċi li konsegwentement wasslu għal suq intern tassew ifframmentat għal dawn id-deterġenti fir-rigward tal-kontenut tal-fosfati. Sabiex tittejjeb il-libertà tal-moviment tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ fis-suq intern huwa meħtieġ li jiġu armonizzati r-regolamenti diverġenti nazzjonali.

Emenda 5

Proposta għal regolament – att li jemenda Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Mhux sewwa li ***jkunu estiżi l-limitazzjonijiet tal-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru*** fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għad-deterġenti domestiċi tal-magni tal-ħasil tal-platti jew ***għad-deterġenti industrijali u istuzzjonali*** minħabba li alternattivi teknikament u ekonomikament vijabbli għall-użu tal-fosfati f'dawk id-deterġenti mhumiex disponibbli.

Emenda

(5) Mhux sewwa li ***tkun estiża l-projbizzjoni*** tal-fosfati fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ għad-deterġenti domestiċi tal-magni tal-ħasil tal-platti jew ***jiġi limitat l-użu tal-fosfati f'dawk id-deterġenti*** minħabba li alternattivi teknikament u ekonomikament vijabbli għall-użu tal-fosfati f'dawk id-deterġenti mhumiex disponibbli ***u minħabba li għadha mhijiex disponibbli valutazzjoni tal-impatt li tevalwa l-impatti tal-estensjoni tal-limitazzjonijiet għad-deterġenti domestiċi tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti, b'mod partikolari li tevalwa l-ispejjeż tar-riformulazzjoni u l-impatt tas-sustanzi kimiċi użati fil-formulazzjonijiet bla fosfati, il-konsum domestiku ta' ilma u ta' enerġija fil-fażi tal-użu mill-konsumatur (ċiklu tal-ħasil), u l-ispejjeż ekonomiċi għall-konsumaturi.***

Ġustifikazzjoni

Il-Valutazzjoni tal-Impatt li saret qieset primarjament il-fosfati li jintużaw fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ. Bidliet possibbli fil-prestazzjoni tat-tindif li jirriżultaw minn bidla għal deterġenti domestiċi bla fosfati tal-magni awtomatiċi tal-ħasil tal-platti jista' potenzjalment ikollhom impatti ekonomiċi u ambjentali sinifikanti li jkunu differenti ħafna minn dawk tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ: l-użu ta' sustanzi kimiċi differenti minflok oħrajn, l-għażla ta' programmi ta' ħasil aktar intensivi mill-konsumaturi b'impatti fir-rigward tal-ispejjeż, l-ilma u l-enerġija (u għaldaqstant is-CO2).

Emenda 6

Proposta għal regolament – att li jemenda

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-Kummissjoni għandha tingħata l-poter li taddotta atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-iskop biex ikunu emendati l-Annessi *ta' dan ir-Regolament*.

Emenda

(7) Il-Kummissjoni għandha tingħata l-poter li taddotta atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-iskop biex ikunu emendati l-Annessi *tar-Regolament (KE) Nru 648/2004. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti.*

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi żgurat li l-Kummissjoni tagħmel dawn il-konsultazzjonijiet. Barra minn dan, din il-formulazzjoni hija klawnsola standard fl-Anness tal-Ftehim Komuni dwar arranġamenti prattiċi għall-użu tal-atti ddelegati.

Emenda 7

Proposta għal regolament – att li jemenda

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Hu xieraq li jkun hemm provediment għad-differiment tal-applikazzjoni **tar-restrizzjoni** stabbilita f'dan ir-Regolament sabiex jippermetti, b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li jifformulaw mill-ġdid id-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ ibbażati fuq il-fosfat billi jużaw alternattivi matul iċ-ċiklu ta' riformulazzjoni normali sabiex ikunu minimizzati l-ispejjeż.

Emenda

(9) Hu xieraq li jkun hemm provediment għad-differiment tal-applikazzjoni **tal-projbizzjoni** stabbilita f'dan ir-Regolament sabiex jippermetti, b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li jifformulaw mill-ġdid id-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ ibbażati fuq il-fosfat billi jużaw alternattivi matul iċ-ċiklu ta' riformulazzjoni normali sabiex ikunu minimizzati l-ispejjeż.

Emenda 8

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 1 – paragrafu 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

– il-limitazzjonijiet tal-kontenut tal-fosfati **u komposti oħra tal-fosfru** fid-deterġenti.

Emenda

– il-limitazzjonijiet **jew il-projbizzjonijiet** fuq il-kontenut tal-fosfati fid-deterġenti.

Emenda 9

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 2 – punti 3 u 9

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-Artikolu 2, **il-punt 3 jinbidel b'dan li** ġej:

“3. 'Ħasil' tfisser il-proċess li bih titneħħa l-**ħamrija-trab mis-substrat u tinġieb fi stat ta' taħlil jew tifrix.**”

Emenda

(2) L-Artikolu 2 **huwa emendat kif** ġej:

(a) il-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

“3. 'Ħasil' tfisser il-proċess li bih titneħħa l-**ħamrija-trab mis-substrat u tinġieb fi stat ta' taħlil jew tifrix.**”

(b) il-punt 9 jinbidel b'dan li ġej:

“9. ‘Tqegħid fis-suq’ tfisser li ttipprova jew li b’hekk isir disponibbli għal parti terza, kemm jekk bi ħlas u kemm jekk b’xejn. Importazzjoni għandha tiġi meqjusa bħala tqegħid fis-suq.”

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiżgura ċertezza legali u użu armonizzat tat-termi huwa xieraq li tiġi allineata t-tifsira "tqegħid fis-suq" mat-tifsiriet rispettivi li hemm fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH) u r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP), minħabba li l-għan ewlieni tat-tliet Regolamenti kollha huma sostanzi u taħlitiet.

Emenda 10

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 2 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 2 – punt 12 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:

*“12a. ‘Valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja’
tfisser il-valutazzjoni tal-effetti ambjentali
ta’ prodott fl-istadji kollha, mill-
produzzjoni tal-materji primi, għall-
manifatturazzjoni tal-prodott u l-
ippakkjar, it-trasport lejn ħwienet tal-
bejgħ bl-imnut u l-użu sussegwenti tiegħu
kif ukoll ir-rimi tal-prodott mill-
konsumatur.”*

Ġustifikazzjoni

Minħabba li Emendi 19 u 21 jirreferu għall-“valitazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja” huwa xieraq li dan it-terminu jiġi ddefinit.

Emenda 11

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 4 a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Id-deterġenti elenkati fl-Anness VIa li ma jikkonformawx mal-limitazzjonijiet tal-kontenut tal-fosfati **u ta' komposti oħra tal-fosfru** stabbiliti f'dak l-Anness m'għandhomx *jitqiegħdu* fis-suq mid-data ffissata f'dak l-Anness.*

*Id-deterġenti elenkati fl-Anness VIa li ma jikkonformawx mal-limitazzjonijiet tal-kontenut tal-fosfati stabbiliti f'dak l-Anness m'għandhomx *jitqiegħdu* fis-suq mid-data ffissata f'dak l-Anness.*

Emenda 12

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 4 a – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-deterġenti elenkati fl-Anness VIa li jittqiegħdu fis-suq qabel id-data stabbilita fl-Anness jistgħu jibqgħu disponibbli fis-suq sa ...* mingħajr ma jkollhom għalfejn jikkonformaw mal-limitazzjonijiet tal-kontenut ta' fosfati stabbiliti f'dan l-Anness.

**ĠU – jekk jogħġbok daħħal id-data: sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tranżitorja se tiżgura li d-deterġenti li jkunu disponibbli fis-suq f'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali jkunu jistgħu jkomplu jkunu disponibbli fis-suq għal sentejn oħra wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament. B'din id-dispożizzjoni, ir-rekwiżiti l-ġodda dwar il-kontenut ta' fosfati u komposti oħra ta' fosfru stabbiliti f'dan ir-Regolament ma għandhom jirriżultaw f'piż fir-rigward tad-deterġenti li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Emenda 13

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Fl-Artikolu 11, il-Paragrafu 4 jinbidel b'li ġej:

"4. Barra dan, il-pakketti tad-deterġenti mibjugħa lill-pubbliku ġenerali maħsuba għall-użu bħala diterġenti għall-ħasil għandu jkollhom l-informazzjoni prevista fl-Annessi VII B u VII Ba."

Emenda 14

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 3 b (ġdid)

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 11 – paragrafu 6 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Fl-Artikolu 11, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6a. Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetittività ambjentali, il-manifatturi m'għandhomx jagħmlu dikjarazzjonijiet ambjentali dwar attributi li sempliċement jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni."

Ġustifikazzjoni

Manifatturi għandhom jinżammu milli jikkonfondu lill-konsumaturi b'attributi tal-prodott li huma sempliċement meħtieġa bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Pereżempju, ma għandha titħalla l-ebda dikjarazzjoni dwar il-fatt li m'hemmxx kontenut ta' fosfat għal kategoriji ta' prodotti li diġà hija fis-seħħ il-projbizzjoni tal-fosfati.

Emenda 15

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 5

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni tista' taddotta, permezz ta' att iddelagat skont l-Artikoli 13a, 13b u 13c, emendi fl-Annessi ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' deterġenti *ibbażati* fuq is-solventi.

2. Il-Kummissjoni tista' taddotta, permezz ta' att iddelagat skont l-Artikoli 13a, 13b u 13c, emendi **fl-Annessi I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII** ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' deterġenti *bbażati* fuq is-solventi.

Ġustifikazzjoni

L-Anness VIa tar-Regolament fih elementi essenzjali, għaldaqstant l-emendi għal dawn l-elementi għandhom jiġu adottati mil-leġiżlatur permezz ta' proċedura leġiżlattiva milli permezz ta' atti delegati.

Emenda 16

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 13b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fit-tmiem id-delegazzjoni tal-poteri speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ **immedjatament** jew *mhux aktar tard mid-data* speċifikata hemmhekk. Din m'għandhiex tiegħu l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ. Din għandha tkun ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fit-tmiem id-delegazzjoni tal-poteri speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ ***l-għada tal-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*** jew *f' data aktar tard* speċifikata hemmhekk. Din m'għandhiex tiegħu l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ. Din għandha tkun ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali huwa meħtieġ li jiġi speċifikat b' mod preċiż it-tul ta' żmien. Barra minn dan, din il-formulazzjoni hija klawwsola standard fl-Anness tal-Ftehim Komuni dwar arranġamenti prattiċi għall-użu tal-atti ddelegati.

Emenda 17

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 6

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 13 c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att iddelegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jkun estiż ***b'xahar***.

Emenda

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att iddelegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jkun estiż ***b'xahrejn***.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li hemm biżżejjed żmien għall-iskrutinju tal-miżura hemm bżonn tal-itwal żmien possibbli ta' estensjoni. Barra minn dan, perjodu ta' xahrejn hija l-kwalsola standard

proposta għall-Anness tal-Ftehim Komuni dwar arranġamenti prattiċi għall-użu tal-atti ddelegati.

Emenda 18

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 7

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jżommu **jew jistabbilixxu** regoli nazzjonali li jikkonċernaw **ir-restrizzjonijiet** tal-kontenut tal-fosfati u ta' komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti li għalihom ma ġewx stabbiliti **restrizzjonijiet tal-kontenut** fl-Anness VIa fejn iġġustifikat għal raġunijiet tal-protezzjoni tal-ambjent tal-ilma u fejn alternattivi teknikament u ekonomikament vijabbli huma disponibbli.

L-Istati Membri jistgħu jżommu regoli nazzjonali li jikkonċernaw **il-limitazzjonijiet** tal-kontenut tal-fosfati u ta' komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti li għalihom ma ġewx stabbiliti **limitazzjonijiet tal-kontenut** fl-Anness VIa fejn iġġustifikat għal raġunijiet tal-protezzjoni tal-ambjent tal-ilma u fejn alternattivi teknikament u ekonomikament vijabbli huma disponibbli.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla tfixkil u jiġu evitati aktar frammenti tas-suq intern tad-deterġenti, l-Istati Membri ma għandhomx jiġu mħeġġa jistabbilixxu regoli nazzjonali ġodda rigward il-limitazzjonijiet tal-kontenut tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti. Barra minn dan, huwa meħtieġ li t-terminu "restrizzjonijiet" jiġi ssostitwit permezz tat-terminu "limitazzjonijiet" sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u ċ-ċarezza tat-termini użati fit-test.

Emenda 19

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 8

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tevalwa, tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti domestiċi tal-magni tal-ħasil

I. Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tevalwa, tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-

tal-platti u, jekk iġġustifikat, tippreżenta proposta leġiżlattiva bil-ħsieb li jkunu eliminati bil-mod il-mod jew li jkunu limitati għal applikazzjonijiet speċifiċi.

deterġenti domestiċi tal-magni tal-ħasil tal-platti *b'segwitu għal studju bbażat fuq il-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tad-deterġenti tal-magna awtomatika domestika tal-ħasil tal-platti, l-alternattivi disponibbli, il-prestazzjoni tagħhom, l-effiċjenza tal-ispejjeż tagħhom u l-limiti f'termini ta' aċċess għat-teknoloġija* u, jekk iġġustifikat, tippreżenta proposta leġiżlattiva bil-ħsieb li jkunu eliminati bil-mod il-mod jew li jkunu limitati għal applikazzjonijiet speċifiċi.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat eżami sħiħ tal-użu ta' fosfati u komposti oħra tal-fosfru tad-deterġenti tal-magna awtomatika domestika tal-ħasil tal-platti l-Kummissjoni għandha b'mod partikulari tikkummissjona studju biex jiġi analizzat iċ-ċiklu ta' ħajja tad-deterġenti tal-magna awtomatika domestika tal-ħasil tal-platti, l-alternattivi disponibbli, il-prestazzjoni tagħhom, l-effiċjenza tal-prezz tagħhom u l-limiti f'termini ta' aċċess għat-teknoloġija. Dawn il-punti huma essenzjali sabiex tiġi kkunsidrata azzjoni ġejjiena fir-rigward tal-użu tal-fosfati u komposti oħra tad-deterġenti tal-magna awtomatika domestika tal-ħasil tal-platti.

Emenda 20

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 8

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha wkoll tevalwa u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-prospettivi tekniċi, ekonomiċi u rigward l-iżvilupp sostenibbli għall-irkupru u r-riċiklaġġ tal-fosfati mid-drenaġġ domestiku, id-demel tal-annimali u l-iskart industrijali, filwaqt li jitqiesu l-ġestjoni tar-riżorsi u l-aspetti ġeopolitiċi tar-riżervi tal-fosforit u filwaqt li jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet għall-użu u r-riċiklaġġ possibbli tal-fosfati fid-deterġenti.

Ġustifikazzjoni

Il-fosfati huma riżorsa li ma tiġġeddidx, li ma tistax tiġi sostitwita biex tintema' l-popolazzjoni tad-dinja, kif ukoll f'applikazzjonijiet mediċi u industrijali. L-UE hija essenzjalment dipendenti mill-importazzjonijiet, bili r-riżervi huma konċentrati fiċ-Ċina u l-Punent tas-Sahara. Min-naħa l-oħra, l-implimentazzjoni tad-direttivi tal-UE dwar il-ħarsien tal-ilma se jwasslu biex jiżdiedu l-istallazzjonijiet għat-tneħħija tal-fosfati. Dan jipprova opportunità kbira biex jiġu żviluppati l-irkupru u r-riċiklaġġ tal-fosfru, filwaqt li fluss ta' skart jinbidel f'riżorsa potenzjali, mhux importata.

Emenda 21

Proposta għal regolament – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 8

Regolament (KE) Nru 648/2004

Artikolu 16 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tevalwa, tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu tal-fosfati u komposti oħra tal-fosfru fid-deterġenti industrijali u istituzzjonali u tipi oħra ta' deterġenti b'segwitu għal studju bbażat fuq il-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tad-deterġenti industrijali u istituzzjonali, l-alternattivi disponibbli, il-prestazzjoni tagħhom, l-effiċjenza tal-ispejjeż tagħhom u l-limiti f'termini ta' aċċess għat-teknoloġija u, jekk iġġustifikat, tippreżenta proposta leġiżlattiva bil-ħsieb li jkunu eliminati bil-mod il-mod jew li jkunu limitati għal applikazzjonijiet speċifiċi.

Ġustifikazzjoni

Jidher li jkun xieraq li jiġi eżaminat l-użu ta' fosfati u komposti oħra ta' fosfru fid-deterġenti istituzzjonali u industrijali sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti lejn l-użu tal-fosfati fid-diversi tiġi ta' prodotti tad-deterġenti. Attwalment ma jeżistu ebda alternattivi tekniċi jew ekonomiċi vijabbli, madankollu s-sitwazzjoni fil-futur tista' tevolve u għandha għaldaqstant tiġi mmonitorjata mill-viċin.

Emenda 22

Proposta għal regolament – att li jemenda Anness

Regolament (KE) Nru 648/2004
Anness VI a – titolu u kolonna 2 – ringiela 2

Test propost mill-Kummissjoni

**IL-LIMITAZZJONIJIET TAL-
KONTENUT TAL-FOSFATI U
KOMPOSTI OĦRA TAL-FOSFRU**

M'għandux jitqiegħed fis-suq jekk *il-kontenut totali tal-fosfru huwa ugwali għal jew akbar minn 0,5 % bl-użin.*

Emenda

**IL-LIMITAZZJONIJIET TAL-
KONTENUT TAL-FOSFATI**

M'għandux jitqiegħed fis-suq jekk *ikun fih fosfati miżjuda*

Emenda 23

Proposta għal regolament – att li jemenda Artikolu 1 – punt 11 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 648/2004
Anness VII – Taqsima B a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Fl-Anness VII, tiddaħħal it-taqsima li ġejja:

Ba. Informazzjoni dwar l-użu sostenibbli

Bla ħsara għad-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (verżjoni kodifikata)¹, it-tikketti tad-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ:

– għandu jkun fihom informazzjoni rilevanti, permezz ta' logo u/jew test, dwar it-tħeġġiġ tal-użu sostenibbli tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ, bħal rakkomandazzjonijiet biex il-magni tal-ħasil ma jintużawx jekk ma jkunux mimlijin għalkollox, biex wieħed jagħti kas l-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ, biex

*il-ħasil isir b'temperatura baxxa u biex l-
imballaġġ jerġa' jimtela jew jiġi rriċiklat,
u*

*– għandu jkun fihom referenzi għal sorsi
eżistenti, b'hal websajts fl-internet, b'iktar
informazzjoni għall-konsumaturi, sabiex
ikun jista' jkollhom aċċess għal
rakkomandazzjonijiet, suġġerimenti u
pariri utli li jħeġġu l-użu sostenibbli
tagħhom.*

¹ ĠU L 376, 27. 12.2006, p. 21."

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-fosfati u komposti ta' fosfru oħra fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ
Referenzi	COM(2010)0597 – C7-0356/2010 – 2010/0298(COD)
Kumitat responsabbli	ENVI
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 10.11.2010
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Marc Tarabella 11.2.2011
Data tal-adozzjoni	13.4.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 –: 3 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Christian Engström, Evelyne Gebhardt, Louis Grech, Małgorzata Handzlik, Iliana Ivanova, Philippe Juvin, Sandra Kalniete, Eija-Riitta Korhola, Edvard Kožušník, Kurt Lechner, Toine Manders, Mitro Repo, Robert Rochefort, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Matteo Salvini, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Eva-Britt Svensson, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Kyriacos Triantaphyllides, Emilie Turunen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ashley Fox, María Irigoyen Pérez, Constance Le Grip, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Olle Schmidt, Marc Tarabella

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-fosfati u komposti ta' fosfru oħra fid-deterġenti domestiċi tal-ħasil tal-ħwejjeġ	
Referenzi	COM(2010)0597 – C7-0356/2010 – 2010/0298(COD)	
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	28.10.2010	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 10.11.2010	
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 10.11.2010	IMCO 10.11.2010
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ITRE 1.12.2010	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Bill Newton Dunn 19.1.2011	
Eżami fil-kumitat	18.4.2011	
Data tal-adozzjoni	15.6.2011	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48	–: 8
	0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	János Áder, Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Sergio Berlato, Milan Cabrnoc, Nessa Childers, Chris Davies, Bairbre de Brún, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Jill Evans, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Julie Girling, Françoise Grossetête, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Holger Kraemer, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Gilles Pargneaux, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Oreste Rossi, Daciana Octavia Sârbu, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Salvatore Tatarella, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Esther Herranz García, Romana Jordan Cizelj, Riikka Manner, Bill Newton Dunn, Alojz Peterle, Michail Tremopoulos, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Peter van Dalen	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Anna Hedh, Catherine Stihler	
Data tat-tressiq	24.6.2011	